**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Silvio (Saviour) Pace**
**Bashir Abu Gasem Al-Hariri**

Numru: 43/2015

Illum 10 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Silvio (Saviour) Pace,** ta' sitta u erbghin (46) sena, iben Joseph u Victoria nee' Pisani, imwieled il-Pieta', Malta, nhar il-21 ta' Novembru 1968 u residenti Blk J, Fl 5, Bini tal-Gvern, Hamrun, Malta u detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 477468M, u **Bashir Abu Gasem Al-Hariri** ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Abu Gasem u Mabruka nee' El-Mahmud, imwieled Tripoli, Libja, nhar is-16 ta' April 1974 u residenti Block C, Flat 6, Triq il-Binja, Santa Venera, Malta u detentur tal-karta tal-identita' Libjana bin-numru 577090 u detentur tal-permess tar-residenza bin-numru 14DB-017:
Akkuzati talli fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Marzu 2015 minn gewwa il-Kazin tal-Labour fis-Sannat, Ghawdex u f'diversi postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer f'hinjiet differenti;

1. Ikkommettew serq ta' flus, u kif ukoll diversi oggetti ohra liema serq huwa aggaravat bil-hin, bil-mezz, bil-lok u bil-valur liema valur jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Mario Mercieca I.D. No. 29081G , Kevin Mercieca I.D. No. 8680G u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom ghad-detriment ta' Mario Mercieca I.D. No. 29081G, Kevin Mercieca I.D. No. 8680G u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin ewero (250) ghad-detriment ta' Mario Mercieca I.D. No. 29081G, Kevin Mercieca I.D. No. 8680G u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Marzu 2015 minn gewwa kamra f'ghalqa f'Ta' Kercem, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti, ikkommettew serq ta' pompa tal-ilma, ammont ta' sigaretti fost oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) ghad-detriment ta' Joseph Formosa I.D. No. 61157G u Gregorio Formosa I.D. No. 45933G u/jew persuni ohra;

5. U aktar talli fl-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Marzu 2015 minn gewwa kamra f'ghalqa f'Ta' Kercem, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinjiet differenti, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom ghad-detriment ta' Joseph Formosa I.D. No. 61157G u Gregorio Formosa I.D. No. 45933G u/jew persuni ohra;

6. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Marzu 2015 minn gewwa kamra f'ghalqa f'Ta' Kercem, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti, volontarjament hassru jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin ewro (250) ghad-detriment ta' Joseph Formosa I.D. No. 61157G u Gregorio Formosa I.D. No. 45933G u/jew persuni ohra;

7. U aktar talli saru recedivi ai termini tal-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta u Ghawdex liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra;

Lil Silvio (Saviour) Pace wahdu:-

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser diversi ordnijiet ta' probation li nghataw lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' l-imputat u dan skont l-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tapplika wkoll l-Artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li tikkonfiska u tghaddi favur il-Gvern ta' Malta is-somma msemmija fl-obbligazzjoni fid-digriet li bih gie moghti l-helsien mil-arrest;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 320 u 321) datata 13 ta' Gunju 2016 li permezz taghha baghat lill-imputati Silvio (Saviour) Pace u Bashir Abu

Gasem Al-Hariri biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-Artikoli 261(b)(c)(e) u (f), 263, 264, 267, 269, 270, 278(1) u (3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-Artikolu 261(b)(c)(e) u (f), 263, 264, 267, 269, 270, 278(1) u (3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 0 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Fl-Artikoli 17, 31, 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Silvio (Saviour) )Pace wahdu:**

(j) Fl-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) Fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-22 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 322 u 323), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-13 ta' Gunju 2016, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu

jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza u kien hemm qbil dwar is-sentenza li ghandha timponi l-Qorti.

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bl-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkulazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal Papa Frangisku fil-laqgha mal-Prigunieri tas-6 ta' Novembru 2016 fl-okkazzjoni tal-Gublew tal-Hniena:

> *Sometimes, a certain hypocrisy leads to people considering you only as wrongdoers, for whom prison is the sole answer. We don't think about the possibility that people can change their lives; we put little trust in rehabilitation. But in this way we forget that we are all sinners and often, without being aware of it, we too are prisoners. At times we are locked up within our own prejudices or enslaved to the idols of a false sense of wellbeing. At times we get stuck in our own*

*ideologies or absolutize the laws of the market even as they crush other people. At such times, we imprison ourselves behind the walls of individualism and self-sufficiency, deprived of the truth that sets us free. Pointing the finger against someone who has made mistakes cannot become an alibi for concealing our own contradictions.*

Fl-omelija tiegħu, l-Arċisqof Charles J. Scicluna nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016 fil-ftuħ tas-Sena Forensi tkellem dwar il-vittmi ta' reat, li minħabba l-kefrija ta' ħaddieħor, jitneżżgħu mid-dinjità:

*Intom, fix-xogħol tagħkom - kemm imħallfin, kemm maġistrati, kemm avukati, prokuraturi legali - tiltaqgħu ma' tant sitwazzjonijiet umani - mhux biss fil-kriminal imma anke fiċ-ċivil - fejn in-nies jiġu għall-ġustizzja għax huma vittmi tar-regħba, tal-aggressjoni, tal-vjolenza, tal-kefrija ta' ħaddieħor. Dawn jiġu quddiemkom imneżża mid-dinjità, jitkarrbu biex xi ħadd jagħtihom l-għajnuna.*

*[...]*

*Fis-Sena tal-Ħniena mhux qed nistieden lill-ġudikatura, lill-maġistratura biex ikunu soft, biex ngħidu 'ejjew nagħmlu d-discount', dak il-konfessur jista' jagħmillek d-discount fuq il-penitenza meta tmur tqerr. Inti tuża l-liġi biex il-ġustizzja issir espressjoni tal-ħniena meta qed tagħti lil kull wieħed jew kull waħda dak li ħaqqhom, imma qed taħdem ukoll għar-riabilitazzjoni tal-aggressur u anke tal-vittma. Kultant kritika li ssir lis-sistema tagħna hija li aħna forsi għadna qed niżviluppaw sensibbilità għall-eżiġenzi li jkollhom il-vittmi. Jiena nħobb ninsisti li d-dannu għandu jirriżarċih, jagħmel tajjeb għalih, min jagħmel il-ħsara. U s-soċjetà hija wkoll vittma tal-aggressur imma hemm bżonn ukoll naħdmu għar-riabilitazzjoni ta' min ikun żbalja jew ta' min, minħabba storja trawmatika f'ħajtu, għandu operat jew inkella imġieba antisoċjali li kultant is-sentenzi tagħna ma nafx kemm jgħinuh joħroġ minnha din il-ħaġa, imma forsi jagħmluh iżjed kiefer fl-atteġġjament tiegħu lejn l-oħrajn.*

**Decide:**

Ghalhekk f'dan il-kaz thoss li hu applikabbli dak li rriteniet il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Nikola Farrugia et**." [2.10.2002] u cioe' li:-

> *"... t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."*

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, *a window of opportunity*. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979)[1]:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"* (p.236)

Il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputati jkomplu mexjin fit-triq it-tajba u jaghrfu ma jergghux jirrepetu l-izbalji li huma kkommaw.

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u wara li rat l-Artikoli Indikati tal-Ligi fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 13 ta' Gunju 2016, issib lill-imputati Silvio (Saviour) Pace u Bashir Abu Gasem Al-Hariri hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputati taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma suggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma' din is-sentenza.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputati bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta'

[1] Kif ikkwotat mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Numru 178/2008 **Il-Pulizija v Rittmar Hatherly, u Justin Farrugia.**

*probation* u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqsu milli jikkonfermaw ruhhom ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* jistghu jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom instabu hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputati Silvio (Saviour) Pace u Bashir Abu Gasem Al-Hariri.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**